MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 423/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Formosa**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Formosa bin Joseph u Maria Carmela nee` Mallia, mwieled Pieta` nhar it-23 ta' Ottubru 1979, u residenti 33, Sapphire Court, Flat 1, Triq Zammit Clapp, Pieta` u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 507179M fejn gie akkuzat talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, mill-1 ta' Lulju 2009 sat-8 ta' April 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt biex jaghti access lil Susanne Camilleri ghal uliedhom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta’ Ottubru, 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Jesmond Formosa hati u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Jesmond Formosa minnu prezentat fil-11 ta’ Ottubru 2010, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tal-akkuza u ikkundannatu ghal gimgha prigunerija u tilliberah mill-akkuza..

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet ix-xhieda prodotti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti fil-qosor kienu kif ser jinghad. Bi ftehim tat-3 ta’ Mejju 2007 l-imputat appellant u Suzanne Camilleri ftehmu fost ohrajn illi binhom minuri Tyron Formosa kellu jirrisjedi gimgha ma’ ommu u gimgha mal-imputat missieru alternativament bil-partijiet ikollhom access liberu ghat-tifel u li f’Mother’s Day u f’Father’s Day it-tifel jghaddi l-jum mal-genitur rispettiv skont il-gurnata. Suzanne Camilleri xehedet li ilha ma tara lil binha sa mill-1 ta’ Lulju 2009 u sat-8 ta’ April 2010 u anki wara qatt ma ratu. Hija xehedet li l-imputat kellu jehodulha huwa d-dar izda dan qatt ma ghamlu u li meta kienet iccempillu biex johdilha t-tifel huwa kien dejjem jghidilha li t-tifel kien ma jiflahx tant li ghal xi zmien waqfet milli ccempillu izjed. Wara li telghu il-Qorti l-imputat hadilha t-tifel ghal gurnata ghaliex ghal gimgha qatt ma ried jaghtiulha. Xehdet ukoll li ghalkemm kienet biddlet il-post fejn toqghod diversi drabi hija dejjem kienet tavzah billi ccempel d-dar t’ommu ghaliex fejn joqghod ma kienetx taf u anqas ried jaghtiha n-numru tal-mobile tieghu.

**7.** Minn naha tieghu l-imputat xehed li huwa kien jipprova jcempel lil Suzanne Camilleri izda din qatt ma kienet twiegeb u lill-pulizija kienet qaltilhom li hi lit-tifel ma thobbux. Cahad li hi kienet tipprova tikkuntattjah. Qal li rrapportatu lill-Pulizija li ma kienx qed jaghtiha access

ghat-tifel ghaliex bezghat li titlef ic-*children's allowance*. Qal li ghamlet xi zmien tiehdu gimgha, gimgha u dak iz-zmien lit-tifel kienet thobbu. Mistoqsi jekk kienx veru li kull meta talbitu t-tifel kien jghidilha li t-tifel ma jiflahx wiegeb li din darba kienet.

**8.** Ikkunsidrat:
Dan il-kaz huwa karatterizzat minn karenza assoluta ta' provi. Il-provi jikkonsistu biss fix-xhieda kontrastanti ta' Suzanne Camilleri, li esibiet il-ftehim li ntlahaq quddiem il-medjatrici u x-xhieda tal-imputat. Dan apparti l-affidavit ta' WPC 11 Zenia Azzopardi li ma tantx izzid wisq mal-provi msemmija hlief li meta l-imputat gie mistoqsi jekk qattx irrifjuta li jaghti t-tifel lil Camilleri l-imputat stqarr li iva ghaliex kien ikun ma jiflahx. Il-Qorti tistqarr li meta xehedet Suzanne Camilleri lill-Qorti ma impressjonathiex li kellha xi hegga partikolari sabiex tara lil binha u dan huwa msahhah bil-fatt li fil-perjodu kollu li ghalih tirreferi l-imputazzjoni, u cioe' mill-1 ta' Lulju 2009 sat-8 ta' April 2010 mill-provi jirrizulta li saret biss okkorrenza wahda tat-8 ta' April 2010 li fih ilmentat dwar l-allegat nuqqas tal-imputat li jaghtiha access ghal binha. Illi f'dan l-istat tal-provi il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-htija tal-imputat giet pruvata minghajr dubbju dettat mir-raguni.

Ghall-motivi premessi il-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Jesmond Formosa, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat appellant minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------